# Kapitlu wieħed

Fil-pajjiż tal-orki, ġewwa l-belt ta' Orkidea, qrib l-għolja Nikodemu, jidher li kollox miexi ħarir bħas-soltu. L-orki baqgħu dejjem l-istess: kollha sufin, widnejhom bil-ponta, żaqqhom kbira, ħalqhom kbir, snienhom koroh waħx, ponot, idejhom enormi u koroh pesti u l-bqija. L-orki nisa u l-orkini wkoll mhumiex differenti minn kif kienu tliet mitt sena ilu. Huma biss xi ftit iktar moderni: jaraw it-televixin, jużaw l-internet, jibilgħu l-hamburgers, lill-pustiera bl-uniformi u dak kollu li jispiċċa għal taħt snienhom. Barra minn hekk, jitfewqu daqs ma nafx xiex, kif dejjem kienu jagħmlu l-orki.

Wara li Orkubellu telaq jgħix Milan ma' martu umana, u tant sabiħa li tqażżek, ma ġara xejn iktar li mhux tas-soltu fil-belt. Xi wħud kienu qalu li Orkubellu u Isabella kellhom tifla u li semmewha Orkidea, bħall-belt fejn trabba missierha u li, anke hi, kif wieħed seta' jobsor, kienet orribilment sabiħa. Tant kienet sabiħa li iktar sabiħa minn hekk ma setgħetx tkun. Isabella qed tistenna t-tieni tarbija u



din id-darba se jkollha tifel, skont l-ultrasound, u b'hekk, il-familja se tikber ftit iktar, din id-darba, żgur u mhux forsi, biż-żieda ta' tifel mill-isbaħ.

Bla dubju, anke ġewwa Orkidea, il-belt tal-orki — li issa, jekk ma noqogħdux attenti qed nirriskjaw li nitfixkluha ma' Orkidea, it-tifla ta' Orkubellu — twieldu ħafna orkini oħrajn. Twieldu orki subien u bniet, twal u qosra, ħoxnin u rqaq, b'xagħarhom aħmar, kannella jew iswed, mill-iktar koroh, jew sempliċiment koroh, imma, b'xorti tajba, orki sbieħ u bjondi qatt ma reġgħu twieldu. Għalhekk, ladarba għadda l-biża' li jittieħed kulħadd, u għadda l-entużjażmu għal Orkubellu fuq it-televixin u dak li seħħ wara, kollox reġa' lura għan-normal.

"NORMAL", din kienet il-kelma maġika. In-normalità tant mixtieqa u mill-aktar monotona reġgħet feġġet f'Orkidea. Fl-iskejjel, it-tfal kollha jitfewqu u jobdu lill-għalliema tagħhom li jżommu r-ritmu bil-bakketta. Kif inhu mistenni li jsir, dawk li jkunu inqas koroh jitwaqqgħu għaż-żufjett minn dawk li kienu tal-waħx imma ħadd ma jgħaddi idu ġo xagħru biex jirranġa xi troffa xagħar kif

kien jagħmel Orkubellu, jew jilbes ħwejjeġ brijużi u dejjem puliti u għalhekk, fl-aħħar, kulħadd setaʼ jorqod fil-paċi billejl.

Madankollu, anke dal-lejl, fil-belt rieqda, minn fejn tielgħa lejn is-smewwiet sinfonija terribbli li twaħħax taʼ nħir sinkronizzat u mriegħed mill-orki, hemm xi ħadd li ma jistax jagħlaq għajn m'għajn. Id-dwal tal-belt kollha mitfijin, ħlief wieħed li ġej mit-tieqa tal-kċina tas-sindku tal-belt, Orkestu. Forsi kontu qed taħsbu li se ssibuh medhi jteftef xi ħaġa tal-ikel kif iħobb jagħmel f'nofs taʼ lejl jew iħuf ġol-friġġ u jiffanga fil-hamburgers nejjin, jew ilegleg birra Orkisk kiesħa silġ ... Imma, minflok, Orkestu jinsab bilqiegħda bi spallejh imħattbin quddiem it-tieqa miftuħa u, b'ħarsa mnikkta u xi ftit ċassa, kif tkun ħarsa taʼ orku, iħares lejn il-qamar fis-sema u jieħu n-nifsijiet.

Dan l-aħħar, xagħru kif ukoll is-suf taʼ fuq spallejh beda jsirlu griż. Skont l-orki nisa tal-belt dan il-fatt jagħmlu iktar affaxxinanti u b'xi mod iktar ikrah, imma hu ma jagħtix kas. Kull meta jagħlaq għajnejh tfiġġ hi u jaħseb fiha, f'Orkidea. Tgħidu intom,

normali hux li s-sindku jaħseb f'beltu. Kont naf li se tibdew tgerfxu. Le! Mhux qed jaħseb f'Orkidea l-belt imma, minn mindu sar nannu sar jaħseb biss fin-neputija tiegħu Orkidea, bint Orkubellu u Isabella li tgħix Milan mal-ġenituri tagħha, 'il bogħod minnu.

Anke issa, qed jieħu nifsijiet twal. Kemm jagħlaq għajnejh u mill-ewwel ifiġġ quddiemu dak il-wiċċ żgħir mill-isbaħ, dawk l-għajnejn ċelesti u x-xagħar bjond tan-neputija ċkejkna tiegħu. Mill-ewwel darba,



meta kienet tat-twelid u, kontra qalbu kellu jeħodha f'dirgħajh għax ra li ma setax jissaporti s-sbuħija u d-delikatezza li kellha, irrealizza li bejnu u bejn dik il-kreatura nibtet rabta speċjali u profonda. Kellu l-konferma meta t-tifla inklinat 'il quddiem u bi snienha żgħar bojod u dritti gidmitu gidma fit-tarf ta' mnieħru, imbagħad tfewqet waħda bi frattarija kbira u baqgħet tħares lejh bi tbissima makakka u b'ħarsa sodisfatta. Kien f'dak il-waqt li l-qalb kbira u skura u sufija ta' Orkestu bdiet tinħall bħall-butir fuq biċċa ħobż sħuna u fehem li dik, sabiħa u kerha, hi x'inhi, kienet bla dubju ta' xejn in-neputija tiegħu.

Illum, Orkidea għandha sitt snin u f'sitt snin raha biss sitt darbiet u dejjem fl-okkażjoni terribbli tal-ikla tal-Milied li tiġbor flimkien lin-nanniet u l-familji.

"Imma għala qatt ma tiġu tarawna, għala ma tiġux taraw in-nanniet?!" kien jistaqsi lil Orkubellu kull darba li jċempillu. U dan kien iwieġbu kollu mifxul li għandu ħafna x'jagħmel, li t-tifla jkollha l-iskola u kien iżid ukoll, kollu mistħi, li Isabella ma riditx li Orkidea ssir taf lill-orkini maledukati tal-belt li ġġib

isimha, għax diġà ma setgħux isibu tarfha kif inhi u dak kien jonqosha.

"Imma jien għandi d-dritt nara lin-neputija tiegħi!" jibda jgħajjat Orkestu b'ħanġra daqsiex ġot-telefown. "U ma tistgħux issibu tarfha kif?! X'tista' tagħmel daqshekk ta' barra minn hawn? Żgur mhix se tkun agħar milli kont int meta kont tifel!" beżaqha. Mill-ewwel iddispjaċieh għal dak il-kliem. Orkubellu jilqa' dik il-botta u jirrispondi lura, "Insomma, issa se jkolli nħallik, qed iċempluli mill-iskola ... ħa nara x'reġa' nqala'!" u jaqta' waqt li jħalli lil missieru bit-telefown f'idu u b'wiċċ diżappuntat fuq in-naħa l-oħra tal-linja, linja li kuljum issir itwal u iktar sottili.



Orkestu jipprova jneħħi minn moħħu dan it-thewdin, iqum, iħoss triqtu lejn is-sodda ta' martu, jimtedd

ħdejha u s-saqqu jinklina għan-naħa tiegħu. Il-kamra tqila b'riħa tqallgħak li joħodha fil-pulmun. Għalih, dik hija l-fwieħa ta' martu li, bħas-soltu, qed tonħor inħir ta' barra minn hawn b'ħalqha miftuħ. Hekk kif martu tħoss is-sodda tiċċaqlaq, tistenbaħ, iddur lejh u tgħannqu magħha b'dawk dirgħajha sufin.

"Orqod!" qaltlu. "Għada għandek x'tagħmel il-Kunsill ... Daqt il-Milied u rridu nżejnu s-siġar bil-bottijiet, bil-ġrieden mejta tal-plastik u biż-żibel, skont it-tradizzjoni!"

"Hekk hu, hekk hu ..." iweġibha Orkestu waqt li jmellsilha idha ta' orka, u waqt li jserraħ rasu fuq l-imħadda jibqa' jħares lejn il-qamar barra mit-tieqa b'għajnejh ileqqu. Imbagħad jerġa' jaħseb f'Orkidea, li minkejja li hija sabiħa u minkejja l-apparenzi, hija fula maqsuma ma' nannuha u forsi għalhekk ma jħalluhx jaraha. Diġà jaf li man-neputi li għadu ġej, se jagħmlulu l-istess. Iħoss li mhux sew hekk, li nannu jmissu jqatta' ħinu man-neputijiet tiegħu u jgħallimhom kif jilagħbu Oħroġ Imsaren il-Ġurdien, kif jobżqu fil-bogħod, jitfewqu bl-eku

u tant ħwejjeġ oħra li nannu biss jaf jgħallimhom. Huwa u jaħseb fuq dan, iċċarċar demgħa fuq wiċċu li tleqq fid-dawl tal-qamar qabel ma tinfatam mill-warda ta' wiċċu u taqa' fuq l-imħadda.